VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,157, 25 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 341 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61(1) u (2) u bl-artikolu 62(1) u (2) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.71

Emenda ġenerali għar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "closed season", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "close season".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tisfira "ċurkett magħluq" minflok il-kliem "aprovat mid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi";

(b) it-tifsira "id-Direttur" għandha tiġi mħassra;

(ċ) fit-tifsira "għasfur imrobbi fil-maqful" minflok il-kliem "meta d-Direttur ikun sodisfatt" għandhom jidħlu l-kliem "meta t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tkun sodisfatta";

(d) fit-tifsira "organizazzjoni li tirrappreżenta persuni esperti fil-protezzjoni ta' l-avifawna jew li jaħdmu għal dan l-iskop" minflok il-kliem "li għandha status ta' osservatriċi fi ħdan il-Kumitat Ornis ta' l-Unjoni Ewropea, li għandha iżjed minn tlett elef membru mħallas, statut, kumitat li jiġi elett mill-inqas darba kull sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "li għandha status ta' osservatriċi fi ħdan il-Kumitat Ornis ta' l-Unjoni Ewropea u li hija iskritta mal-Kummissarju Għall-Organizzazzjonijiet Volontarji skond l-Att dwar l-

Organizzazzjonijiet Volontarji, u li għandha iżjed minn elfejn membru mħallas, statut, kumitat li jiġi elett mill-inqas darba kull tlett snin";

(e) fit-tifsira "organizazzjoni li tirrappreżenta persuni liċenzjati sabiex jikkaċċjaw u, jew jieħdu" minflok il-kliem "li għandha status ta' osservatriċi fi ħdan il-Kumitat Ornis ta' l-Unjoni Ewropea, li għandha iżjed minn tlett elef membru mħallas, statut, kumitat li jiġi elett mill-inqas darba kull sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "li għandha status ta' osservatriċi fi ħdan il-Kumitat Ornis ta' l-Unjoni Ewropea u li hija iskritta mal-Kummissarju Għall-Organizzazzjonijiet Volontarji skond l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, u li għandha iżjed minn elfejn membru mħallas, statut, kumitat li jiġi elett mill-inqas darba kull tlett snin";

(f) fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża, minflok it-tisfira "inhabited area" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "inhabited area" means any area in which there is an aggregation of houses that are inhabited or capable of being inhabited by more than one hundred persons;";

(g) it-tifsira "Sezzjoni" għandha tiġi mħassra; u

(h) minnufiħ wara t-tifsira "taqbad" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi" tfisser it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi taħt il-Ministeru responsabbli għall-ambjent;".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "lid-Direttur li għandu, fid-diskrezzjoni tiegħu, jawtorizza" għandhom jidħlu l-kliem "lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li għandha, fid-diskrezzjoni tagħha, tawtorizza"

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mis-Sezzjoni ta' l-Avifawna fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar" għandhom jidħlu l-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (4) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tas-Sezzjoni Avifauna" għandhom jidħlu l-kliem "tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) id-Direttur, jew rappreżentant tiegħu, tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar jew is-suċċessur tiegħu fit-titolu;";

(b) fis-subregolament(4) tiegħu, minflok il-kliem "kemm lid-Direttur u kemm lill-" għandhom jidħlu l-kliem "mal-"

(ċ) fl-ewwel proviso minnufiħ wara l-paragrafu (t) tas-subregolament (6) tiegħu, minflok il-kliem "d-Direttur jista', skond ma jkun meħtieġ, jagħmel referenza lill-Kumitat Ornis dwar il-funzjonijiet tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tista', skont ma jkun meħtieġ, tagħmel referenza lill-Kumitat Ornis dwar il-funzjonijiet tagħha" u minflok il-kliem "lid-Direttur jew lill-Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew lill-Ministru"; u

(d) fis-subregolament (7) tiegħu, minflok il-kliem "jiddelega lid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "jiddelega lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi"; u fil-proviso għall-imsemmi subregolament (7) tiegħu, minflok il-kliem "id-Direttur għandu jaġixxi" għandhom jidħlu l-kliem "it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha taġixxi".

Jissostitwixxi r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandi jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

11. (1) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha tiġi stabbilita mill-Ministru u għandha timplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ornis. It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha wkoll isservi bħala s-Segretarjat tal-Kumitat stabbilit bir-regolament 10 u għandha tassisti lil dan il-Kumitat fit-tħaddim tiegħu u fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu:

Iżda, fil-qadi ta-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha taġixxi skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi hija responsabbli mill-ħruġ tal-liċenzi skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-Kummissarju jista', fuq bażi ta' ordni pubbliku u, jew, liġi u żamma tal-ordni, jinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li persuna m'għandiex tinħarġilha liċenża.

(3) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ma tistax iġġedded liċenza jekk u sakemm il-permess tas-sena preċedenti ma jkunx ingħata lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u jkunu tħallsu l-pagamenti kollha relattivi, inklużi arretrati u penali amministrattivi imposti. Kull permess għandu jingħata lit-Taqsima sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem minn meta jkun intemm l-istaġun preċedent.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (3), kull min iħossu aggravat bid-deċizjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li ma tinħariġx liċenza partikolari jista' jappella tali deċiżjoni mal-Kumitat Ornis sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol li jidbew mid-data ta' meta tali deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-applikant.

(5) L-appell għandu jiġi ppreżentat bil-miktub lis-Segretarju tal-Kumitat, li għandu jagħti riċevuta tal-appell bil-miktub fi żmien ħmistax-il jum minn meta jkun ġie hekk irċevut.

(6) Waqt is-smigħ tal-appell, il-Kumitat Ornis jista' jirregola l-proċedura tiegħu u għandu jagħti opportunità kemm lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi kif ukoll lill-appellant sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom verbalment jew bil-miktub. Id-deċiżjoni tal-Kumitat Ornis hija finali u konklussiva.

(7) Id-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Ornis kif previst fis-subregolament (6) għandha, mingħajr ħsara għas-subregolament (2) jew ta' xi liġi oħra, tkun torbot lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u kull persuna oħra inkarigata bl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "mid-Direttur" għadhom jidħlu l-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi";

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem minn "Kemm-il darba l-Kummissarju" sal-kliem "imġedda wara dik id-data:" għandhom jidħlu l-kliem "Kemm-il darba l-Kummissarju u, jew it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, ma jkollhomx raġunijiet validi għall-kuntrarju, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 8, kull min huwa inkluż fir-reġistru tal-persuni li kellhom liċenza għat-teħid tal-għasafar li kienet valida sa l-aħħar ta' Lulju 2002, għandu jkollu l-liċenza tiegħu għat-teħid tal-għasafar imġedda wara dik id-data:";

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, minflok il-kliem "Id-Direttur għandu jiżgura" għandhom jidħlu l-kliem "It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha tiżgura";

(d) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "lill-organizzazzjoni ta' persuni li jkollhom liċenza jikkaċċjaw u, jew li jieħdu l-għasafar li hija tkun membru tagħha fi żmien ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, fi żmien

għaxart ijiem"; u

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "u għandhom ikunu validi għal sena li tagħlaq fl-aħħar ġurnata ta' Frar tas-sena ta' wara" għandhom jidħlu l-kliem "u għandhom ikunu validi għall-perjodu preskritt fl-Iskeda IV";

(e) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Kull persuna li tikseb permess għall-kaċċa u t-teħid tal-għasafar taħt dawn ir-regolamenti għandha timla l-*carnet de chasse* kif imiss minnufih kif tikkaċċja jew tieħu għasfur. Minbarra dan, dik il-persuna għandha tipparteċipa fiċ-ċensiment jew kull studju ieħor organizzat mill-Kumitat Ornis u tirrispondi għal kull mistoqsija bħala parti mill-istess ċensiment jew studju.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Ebda persuna ma tista' tikkaċċja u, jew, tieħu, għasafar sakemm hija ma tkunx ħallset il-pagamenti relattivi stipulati taħt dawn ir-regolamenti, inklużi kwalunkwe pagamenti skont l-Iskeda VII u jkunu nħarġulha l-liċenzi relattivi, skont il-kondizzjonijiet msemmija fl-Iskeda VI.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, liċenza għall-kaċċa u, jew għat-teħid, tal-għasafar ma tistax tiġi mġedda sakemm il-persuna bil-liċenza għall-kaċċa u, jew għat-teħid, tal-għasafar ma tkunx fedelement kitbet, fil-parti apposta tal-*carnet de chasse*, l-għasafar li tkun ikkaċċjat u, jew, li ttieħdu, kull darba li jkun ikkaċċjat u, jew, ittieħed, għasfur kif ukoll l-informazzjoni kollha li dik il-persuna għandha tikteb fil-*carnet de chasse* skont l-Iskeda IV.";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Permess m'għandux jinħareġ jew jiġi mġedded sakemm il-persuna bil-liċenza għall-kaċċa u, jew għat-teħid, ma tkunx issottomettiet il-permess tas-sena preċedenti lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi."; u

(d) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fis-subregolament (1) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minnufiħ wara l-kliem "jew reċint ieħor" għandhom jiżdiedu l-kliem "li huwa ta', jew".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

12. Minnufiħ wara l-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Ebda persuna ma tista' tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur waqt li tkun qiegħda fil-bajjiet elenkati fl-Iskeda VII.".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fir-regolament imsemmi, minflok il-kliem "mid-Direttur", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi";

(b) fis-subregolament (1) tiegħu, kif emendat bil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament, minflok il-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi." għandhom jidħlu l-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:" u minnufiħ wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull liċenza maħruġa mid-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar, jew is-suċċessur tiegħu fit-titolu, għandha tibqa' valida sakemm tinħareġ liċenza ġdida mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.".

(ċ) fis-subregolamenti (2) u (5) tiegħu, minflok il-kliem "fl-Iskeda III" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Iskedi II u, jew III";

(d) fis-subregolament (5) tiegħu, minflok il-kliem "mas-Sezzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi";

(e) fis-subregolament (6) tiegħu, minflok il-kliem "għand id-Direttur biex id-Direttur ikun jista' joħroġ" għandhom jidħlu l-kliem "mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi biex it-Taqsima tkun tista' toħroġ"; u

(f) fis-subregolament (7) tiegħu, minflok il-kliem "li d-Direttur ikun jista' joħroġ" għandhom jidħlu l-kliem "li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tkun tista' toħroġ".

Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

14. Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "mid-Direttur", kull fejn jnsabu, għandhom jidħlu l-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi"; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "tad-Direttur, li għandu jżomm" għandhom jidħlu l-kliem "tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li għandha żżomm".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż, in-numru (1) għandu jiġi mħassar; u

(b) minflok il-kliem "Id-Direttur jista' jordna" għandhom jidħlu l-kliem "It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tista' tordna" u minflok il-kliem "mid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi".

Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

16. Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "kontra r-regolamenti 4(b), 15, 18(1)(f)(ii)(aa), u 24 tista' teħel" għandhom jidħlu l-kliem "kontra r-regolamenti 4(b), 18(1)(a), 18(1)(ċ), 18(1)(e), 18(1)(f)(ii)(aa), 19 u 24 tista' teħel";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn erbat

elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75)" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)"; u minflok il-kliem "għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin";

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn disat elef u tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49)" għandhom jidħlu l-kliem "mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000)"; u minflok il-kliem "mhux inqas minn xahrejn", għandhom jidħlu l-kliem"mhux inqas minn sitt xhur";

(iv) fil-proviso tiegħu, minflok il-kliem "Iżda kull" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda wkoll kull"; u minflok il-kliem "xi għasfur inkluż fl-Iskeda I" għandhom jidħlu l-kliem "xi għasfur inkluż fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX"; u

(v) minnufiħ qabel il-proviso imsemmi fis-subparagrafu (iv) hawn fuq, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Qorti tista, fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti ordni ta' servizz fil-komunità lill-ħati skont l-Att dwar il-*Probation*:"; Kap. 446.

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "teħel meta tinsab ħatja" għandhom jidħlu l-kliem "tista teħel";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*";

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ta'

mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75)" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)";

(iv) l-ewwel proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda wkoll l-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenza jew tal-permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin:";

(v) fit-tieni proviso tas-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "ta' mhux anqas minn sitt elef u disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) iżda mhux iżjed minn tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24)" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mhux anqas minn sebat elef euro (€7,000) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000)"; u

(vi) minnufiħ qabel il-proviso imsemmi fis-subparagrafu (iv) hawn fuq, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Qorti tista, fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti ordni ta' servizz fil-komunità lill-ħati skont l-Att dwar il-*Probation*:".

Kap. 446.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

17. Minnufih wara r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Proċeduri speċjali.

27A. (1) Minkejja dak li jingħad f'dawn ir-regolamenti għal proċedimenti u pieni dwar reati u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament u tal-Iskeda VIII, fejn it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u, jew, il-Pulizija Eżekuttiva, temmen li persuna tkun ikkommettiet reat kontra dawn ir-regolamenti skont ma jinsab fl-Iskeda VIII, il-Pulizija Eżekuttiva għandha tikkonfiska l-*corpus delicti* skont dak li jinsab fl-Iskeda u għandha tinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li għandha, fi żmien tletin ġurnata minn meta tirċievi din l-informazzjoni, tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub fejn tiddeskrivi r-reat li dik il-persuna tkun qegħda tiġi akkużata bih u tindika l-passi li trid tieħu biex tirrimedja r-reat u l-penali amministrattiva li hi għandha tħallas għal dak ir-reat:

Kap. 9.

Iżda dan ir-regolament għandu jkun bla ħsara għas-setgħat mogħtija lill-Pulizija Eżekuttiva skont il-Kodiċi Kriminali:

Cap. 490.

Iżda wkoll kull persuna li tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi taħt dan is-subregolament, tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għar-revoka jew tibdil ta' dik il-penali, kif ukoll ir-radd lura tal-*corpus delicti* konfiskat skont dan ir-regolament.

(2) Meta jkun ingħata avviż skont dan ir-regolament, il-persuna msemmija fl-avviż tista', fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn notifika tal-avviż, taċċetta r-responsabbiltà għar-reat speċifikat fl-avviż u f'dak iż-żmien tirrimedja għar-reat u tħallas, jew tintrabat bil-miktub li tħallas, il-penali indikata fl-avviż:

Iżda jekk l-persuna li lilha jingħata avviż taħt is-subregolament (1) ma taċċettax responsabbiltà għar-reat jew minkejja li tkun aċċettat dik ir-responsabbiltà tonqos milli tirrimedja r-reat fiż-żmien imsemmi qabel, għandhom jittieħdu kontriha l-proċedimenti kriminali ordinarji skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 27.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2) m'għandhomx japplikaw kull fejn ir-reat elenkat fl-Iskeda VIII ikun akkumpanjat minn reat li mhux elenkat fl-istess Iskeda, inkluż meta r-reat ikun imwettaq flimkien ma' kwalunkwe reat ieħor taħt dawn ir-regolamenti, bl-eċċezzjoni ta' reat amministrattiv elenkat fl-Iskeda VIII, u f'dak il-każ, id-disposizzjonijiet tar-regolament 27 għandhom japplikaw awtomatikament.

(4) Fejn persuna li għandha liċenza
L.S. 504.94 speċjali skont ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-
L.S. 504.113 Rebbiegħa u, jew ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) tkun wettqet reat skond dan ir-regolament waqt il-perjodu tad-deroga, il-liċenza speċjali m'għandiex tiġi sospiża.

Iżda meta persuna tkun imputata jew akkużata taħt ir-regolament 27 minflok taħt dan ir-regolament, il-liċenza speċjali għandha tkun awtomatikament sospiża u, jew wara,
L.S. 504.94 revokata skond ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-
L.S. 504.113 Rebbiegħa u, jew ir- Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera).".

Jemenda r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

18. Fir-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "għad-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "għat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi".

19. Minnufih wara r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej: Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

"Liċenzi oħrajn. 30. Id-disposizzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti ma jeżentawx lil xi persuna milli tikseb:

(a) liċenza għall-insib fil-Ħarifa għat-teħid ta' speċi rilevanti waqt il-ftuħ potenzjali ta' staġun tal-insib fil-Ħarifa; u, jew

(b) liċenza għall-kaċċa fir-Rebbiegħa għall-kaċċa ta' speċi rilevanti waqt il-ftuħ potenzjali ta' staġun tal-għall-kaċċa fir-Rebbiegħa;

(ċ) kwalunkwe liċenza oħra li tista' tkun meħtieġa skont dawn ir-regolamenti.".

20. L-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: Jissostitwixxi l-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"SKEDA IV

Carnet de Chasse

1. Il-*Carnet de Chasse* huwa dokument li għandu jingħata t-titolu ta' *Carnet de Chasse* u għandu jispeċifika is-sena li fiha dan id-dokument jista' jintuża.

2. Il-*Carnet de Chasse* għandu jinħareġ għal kull sena li, għall-finijiet tal-*Carnet de Chasse*, tibda' wara li jintemm l-istaġun miftuħ tal-ħarifa ta' qabel u jispiċċa meta jintemm l-istaġun miftuħ tal-Ħarifa ta' dik is-sena, ukoll jekk l-istaġun miftuħ tal-Ħarifa jintemm fl-ewwel ġimgħat tas-sena li tiġi wara.

3. Il-*Carnet de Chasse* għandu jiġbor fih lista tal-ispeċi kollha ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati u, jew meħuda.

4. Il-*Carnet de Chasse* għandu jipprovdi fejn jitniżżlu d-dati u l-postijiet fejn fihom il-persuni li għandhom liċenza għall-kaċċa u/jew għat-teħid ta' għasafar misjuba fil-lista ta' speċi li jistgħu jiġu kkaċċjati u/jew meħuda.

5. Kull min għandu liċenza għall-kaċċa u, jew għat-teħid ta' għasafar, għandu jindika fil-*Carnet de Chasse* kull għasfur li jiġi kkaċċjat jew meħud hekk kif issir il-qabda kif

ukoll l-ammont totali ta' għasafar u speċi kkaċċjati u,jew meħuda f'kull okkażjoni.

6. Kull persuna liċenzjata biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar għandha tindika fuq il-*Carnet de Chasse* jekk tikkaċċjax mill-art jew mill-baħar.

7. Kull persuna liċenzjata biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar għandha wkoll tindika b'mod xieraq fl-eventwalità li dik il-persuna liċenzjata biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar ma tkunx ikkaċċjat u jew, ma tkunx ħadet għasafar matul is-sena speċifika indikata fil-*Carnet de Chasse*.

8. Kull persuna li jkollha liċenza biex tikkaċċja u, jew tieħu għasafar għandha tniżżel isimha sħiħ u kunjomha, flimkien mal-indirizz tar-residenza tagħha u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tagħha fuq l-istess *Carnet de Chasse* għal skopijiet ta' referenza.

9. Kull persuna li ġġedded il-liċenza għat-teħid ta' għasafar għandha tindika lill-Kummissarju tal-Pulizija mhux aktar minn żewġ siti fejn fihom ser isir l-insib, permezz ta' pjanta, jew pjanti, tas-sit li għandhom ikunu iffirmati mill-Pulizija. Kopja waħda mill-pjanta, jew pjanti, tas-sit għandha tinżamm mill-Pulizija u kopja oħra għandha tinżamm mill-persuna bil-liċenza.".

Jissostitwixxi l-Iskeda VI li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

21. L-Iskeda VI li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"SKEDA VI

Kondizzjoniet tal-Liċenza

1. Ebda persuna ma tista tikkaċċja, jew tieħu, xi għasfur mingħajr ma jkollha liċenza valida għall-kaċċa jew għat-teħid tal-għasafar kif ukoll mingħajr ma -

(a) tkun ħallset u ġabet il-liċenzi tal-kaċċa neċessarji mitluba mit-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u, jew, tkun ħallset u ġabet il-liċenzi tal-pulizija meħtieġa sabiex tieħu l-għasafar;

(b) tkun membru ta' organizazzjoni li tirrapprezenta persuni liċenzjati sabiex jikkaċċjaw u, jew jieħdu u li tkun ħallset id-dritt dovut lill-organizzazzjoni.

2. Fil-każ ta' liċenzi għall-kaċċa, ebda persuna ma tista

tikkaċċja sakemm ma jkollhiex polza tal-assigurazzjoni għal ħsara lill-terzi jew ħsara fil-proprjetà tagħhom.

3. Ebda persuna ma jista' jkollha l-liċenza għall-kaċċa jew għat-teħid ta' għasafar imġedda jekk ma tkunx issottomettiet il-permess tas-sena preċedenti lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem minn meta jkun għalaq l-istaġun tal-Ħarifa kif ukoll tkun ħallset il-pagamenti skont dawn ir-regolamenti, inklużi kwalunkwe pagamenti dovuti skont ir-regolament 27A, u l-liċenżi relattivi jkunu inħarġu favur dik il-persuna.

4. Il-liċenzi għall-kaċċa u għat-teħid ta' għasafar maħruġa bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu d-dettalji li ġejjin:

(a) l-ispeċi ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati jew meħuda;

(b) prova li l-persuna li għandha l-liċenza hija membru ta' organizazzjoni li tirrappreżenta persuni liċenzjati sabiex jikkaċċjaw u, jew jieħdu;

(ċ) fil-każ ta' kaċċa, prova li turi li l-liċenza applikabbli għall-arma u l-kopertura tal-assigurazzjoni huma mħallsa;

(d) fil-każ ta' teħid ta' għasafar, prova li l-liċenzi tal-pulizija neċessarji għat-teħid ta' għasafar huma mħallsa.".

Jemenda l-Iskeda VII li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

22. L-Iskeda VII li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Xtajtiet protetti taħt ir-Regolament 18(2)(a)" għandhom jidħlu l-kliem "Xtajtiet protetti taħt ir-Regolamenti 18(2)(a) u (ċ)";

(b) il-partita (1) tagħha għandha tiġi mħassra; u

(ċ) il-partita (2) tagħha għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-partita (1), u minflok il-kliem "Mingħajr ħsara għal dak li intqal qabel, fi ħdan" għandhom jidħlu l-kliem "Fi ħdan".

Iżid Skeda ġdida VIII mar-regolamenti prinċipali.

23. Minnufih wara l-Iskeda VII li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied l-iskeda ġdid li ġejja:

B 4140

"SKEDA VIII

Regolament 27A

Penali Amministrattivi

Regolament	Reat	Penali
7(1)(d)	Użu ta' apparat elettriku jew elettroniku, użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar:	€250
	Iżda l-Pulizija Eżekuttiva għandha tikkonfiska l-*corpus delicti* użat waqt it-twettiq tar-reat:	
	Iżda wkoll fejn ir-reat jikkonsisti fl-użu tal-gass, ir-reat m'huwiex punibbli b'penali amministrattiva iżda huwa punibbli skond ir-regolament 27:	
	Iżda wkoll fejn ir-reat huwa mwettaq waqt l-istaġun magħluq jew fir-reċint ta' santwarju tal-għasafar skont l-Iskeda V jew xtajta skont l-Iskeda VII, ir-reat m'huwiex punibbli b'penali amministrattiva iżda huwa punibbli skond ir-regolament 27.	
7(1)(f)	Użu ta' trabokk li jista' jinġarr, kemm bix-xibka kif ukoll mingħajr xibka, li ma jeċċedix it-tul ta' 60ċm fi kwalunkwe naħa tiegħu:	€250
	Iżda l-Pulizija Eżekuttiva għandha tikkonfiska l-*corpus delicti* użat waqt it-twettiq tar-reat.	
11(3) u 12(5)(a)	Nuqqas li tittieħed liċenza kompluta lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fi żmien għaxart ijiem minn meta jagħalaq l-istaġun tal-Ħarifa.	€50 u €20 għal kull ġimgħa, jew parti minnha, ta' dewmien, sa massimu ta' €300

12(6)	Nuqqas li jiġi ddikjarat kull għasfur li jiġi kkaċjat jew meħud:	€50 għal kull għasfur mhux dikkjarat sa massimu ta' €250
	Iżda jekk in-nuqqas jikkonsisti f'aktar minn 5 għasafar mhux dikkjarati, ir-reat m'huwiex punibbli b'penali amministrattiva iżda huwa punibbli skond ir-regolament 27:	
	Iżda wkoll jekk għasfur, jew għasafar, mhux dikkjarat jew mhux dikkjarati, m'huwiex għasfur inkluż fl-Iskeda II, ir-reat m'huwiex punibbli b'penali amministrattiva iżda huwa punibbli skond ir-regolament 27.	
13(1)	Nuqqas li titħallas/tiġi mġedda l-liċenza, sakemm il-liċenza ma tkunx mgħotija lura lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi indefinittivament.	€250
14(1)	Dħul fi proprjetà privata, sakemm l-istess dħul ma jammontax għal reat taħt xi liġi oħra.	€250
16(a) u (b)	Kaċċa u, jew teħid ta' għasafar mingħajr il-liċenza relevanti / dokument ta' identifikazzjoni u nuqqas li l-imsemmija dokumentazzjoni tiġi ppreżentata lil Pulizija fi żmien jumejn; iżda din il-penali ma tapplikax fejn m'hemmx liċenza għall-kaċċa jew teħid ta' għasafar valida, u f'dan il-każ, il-persuna għandha tiġi imputata u, jew, akkużata fil-Qorti:	€250
	Iżda dan il-provediment għandu japplika wkoll għall-kaċċa u, jew teħid ta' għasafar, li jsir waqt il-perjodu ta' deroga.	
18(2)(a)	Il-ġarr ta' arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra:	€250

	Iżda fejn il-ġarr ta' arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha iseħħ f'distanza ta' inqas minn 150 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew minn xi waħda mix-xtajtiet msemmija fl-Iskeda VIII, jew f'distanza ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali, ir-reat m'huwiex punibbli b'penali amministrattiva iżda huwa punibbli skond ir-regolament 27.	
18(2)(b)	Kompartiment tal-iskratać li jista' jżomm aktar minn żewġt iskratać fl-istess ħin.	€250

".

Iżid Skeda ġdida IX mar-regolamenti prinċipali.

24. Minnufih wara l-Iskeda VIII li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied l-iskeda ġdid li ġejja:

"SKEDA IX

Regolament 27(2)

Speċi li mhux misjuba fl-Iskeda I
imma li għandhom protezzjoni speċjali

ANSERIFORMES

Anatidae

Cygnus olor	Ċinju Mutu	Mute Swan

FALCONIFORMES

Accipitridae

Accipiter nisus	Sparvier	Eurasian Sparrowhawk
Buteo buteo	Kuċċarda prima	Common Buzzard

Falconidae

Falco subbuteo	Seqer tal-Ħannieqa	Eurasian Hobby
Falco tinnunculus	Spanjulett	Common Kestrel

PELECANIFORMES

Ardeidae

Ardea cinerea	Russett Griż	Grey Heron
STRIGIFORMES		
Strigidae		
Asio otus	Qattus	Long-eared Owl
Otus scops	Kokka	European Scops Owl
Tytonidae		
Tyto alba	Barbaġann	Barn Owl
SULIFORMES		
Sulidae		
Morus bassanus	Sula	Northern Gannet".